

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 132/2009**

**tal-4 ta' Diċembru 2009**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali <sup>(2)</sup> għandu jiddaħħal fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007 jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 <sup>(3)</sup> li hu inkorporat fil-Ftehim u għalhekk għandu jiġi rrevokat taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

### Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim se jiġi emedat kif ġej:

1. L-inċiż (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003) tal-punt 12o (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000) għandu jitħassar.
2. It-test tal-punt 12s (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003) għandu jitħassar.
3. Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 12zd (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/794/KE):

"12ze. **32007 R 1451:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3)."

### Artikolu 2

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 130, 23.5.2009, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 307, 24.11.2003, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

(\*) Ma huma indikati l-ebda ġtiġijiet kostituzzjonali.